# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 728

KAZ NRU. 870

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Stephen Buttigieg

u

Jax Ltd
kif rapprezentata minn Peter Axisa

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

## I. INTRODUZZJONI

B'ittra tad-dsatax (19) ta' Settembru, 1994 markata ME/2/94 II, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrifera din il-Kwistjoni tax-Xoghol ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Stephen Buttigieg, 'il quddiem jissejjah "l-appellant", issottometta "inter alia", li hu kien ilu mpjegat ghall-ahhar tliet snin ma' Jax Limited, 'il quddiem tissejjah "il-Kumpanija" liema Kumpanija ma kinitx regolari fil-hlas tal-paga u li ghalhekk gie li nqalghu xi argumenti rigward dan sakemm darba wahda gie nfurmat li l-impjieg tieghu ma' l-istess Kumpanija kien gie terminat b'mod

diskriminartorju. Min naha taghha l-Kumpanija ssottomettiet, "inter alia", li l-appellant dam impjegat maghha ghal xi gimgha qabel ma' l-istess appellant iddecieda li jitlaq mix-xoghol minghajr ma kien gie mkecci u li qabel l-istess appellant kien impjegat ma' certu Mario Bonnici li kellu xoghol ta' "sub contracting' maghha.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Kumpanija allegat li "l-appellant dam impjegat maghha ghal xi gimgha qabel ma' l-istess appellant iddecieda li jitlaq mix-xoghol" u ghalhekk il-piz tal-prova ta' din l-allegazzjoni jaqa' kollu u biss fuqha u dan skond il-principju li dejjem gie mhares minn dan it-Tribunal li "min jallega jrid jipprova."

Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotti rrizulta li l-appellant gie mpjegat mal-Kumpanija fit-tlieta (3) ta' Frar 1992 (Dok. PA I. "Engagement Form" tal-Korporazzjoni ta' l-impjiegi u Tahrig) u dan l-impjieg gie mitmum fit-tletin (30) ta' Novembru ta' l-istess sena (Dok PA 2. Ittra f'dan is-sens indirizzata lill-Kumpanija mill-appellant u Dok PA 3, Formola ta' "Dikjarazzjoni ta' Temm ta' Impjieg" ta' l-istess Korporazzjoni. Fl-ewwel (1) ta' Dicembru ta' l-istess sena l-istess appellant kien gie mpjegat ma' certu Giuseppe Palmieri (Dok PA 4 Formola ta' "Dikjarazzjoni ta' Bidu ta' Impjieg" ta' l-istess Korporazzjoni.

~~Skond ma'~~ xehed l-istess Palmieri dan l-impjieg dam sa Mejju tas-sena 1994.

F'dan il-perjodu, skond ma xehed Peter Axisa, Direttur tal-Kumpanija, l-istess Kumpanija ghamlet arrangamenti ta' "sub contracting" ma' l-istess Palmieri li b'hekk dahal responsabbli ghal kontroll assolut u ghal hlas ta' dawk l-impjegati, inkluz l-appellant, li sa dakinhar kienu mpjegati mall-Kumpanija u li kienu gew trasferiti ma' l-istess Palmieri; ix-xoghol baqa' jsir fl-istess post tax-xoghol tal-Kumpanija.

Skond ma kompla xehed l-istess Peter Axisa, meta spiccaw l-arrangamenti ma' l-imsemmi Palmieri, hu ghamel l-istess arrangamenti ma' certu Mario Bonnici; dawn l-arrangamenti bdew fl-ewwel (1) ta' Gunju u spiccaw f'Awissu tas-sena 1994.

Mid-dokumenti PA5 u PA6 "Formoli ta' Dikjarazzjoni ta' Bidu u Temm ta' l-Impjieg ta' l-istess Korporazzjoni" jirrizulta li l-appellant rega' beda jahdem ma' l-Kumpnaija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu u spicca fis-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 cioe' wara biss ghaxart ijiem; dan jinsab konfermat bid-dokumenti PA 7, li hu "Certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg" (formola DOL 316) li fih hemm dikjarat li l-appellant hadem mal-Kumpanija fil-perjodu msemmi.

Mill-premess hu evidenti li l-appellant l-ahhar impjieg li kellu kien mal-Kumpanija u kif ga nghad, dan l-impjieg kien ghal perjodu ta' ghaxart ijiem biss. Peress li skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kapitolu 135 tal-Ligiijet "L-ewwel tliet xhur ta' kull impjieg taht Kuntratt ta' servizz ikun impjieg bi prova" u

skond is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu "Impjieg bi prova jista' jigi mitmum minn min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti ebda raguni" fil-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, ma setax kien hemm "tkeccija".

It-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva li ghalkemm wiehed seta' jargumenta li f'dan il-kaz, peress li l-appellant kien ga kien impjegat mal-Kumpanija il-"prova" kien ga ghamilha, l-imsemmi subartikolu (1) iqies bhala "perjodu ta' prova" l-ewwel tliet xhur ta' "<u>kull</u> (is-sottolinear hu tat-Tribunal) impjieg" minghajr ebda distinzjoni; il-kliem hu car u ghalhekk ma hemm ebda lok ghal aktar minn interpretazzjoni wahda.

## IV. <u>DECIZJONI</u>

Peress li, kif ga inghad, ma setax kien hemm "tkeccija" wisq anqas "tkeccija ngusta" dan hu kaz li ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u ghalehkk l-istess Tribunal ma jiehux aktar konjizzjoni ta' l-istess kaz.

ft/Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum tlettax (13) ta' Gunju 1996

George Attard
SEGRETARJU
mrg

SEGRETARJU
TRIBUNAL INDUSTRIJALI